BIRKIRKARA

Minuti tal-Wiehed u Tletin laqgha tas-Seba Kunsill Lokali Birkirkara li saret b'urgenza fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill nhar il-Hamis 7 ta' Mejju 2015 fis 6.30pm.

**Il-Membri**

| | |
|---|---|
| **Is-Sindku** | Is-Sinjura Joanne Debono Grech |
| **Il-Kunsilliera** | Is-Sinjura Rita Borg |
| | Is-Sur Michael Fenech Adami |
| | Is-Sur Kaylocke Buhagiar |
| | Is-Sur Liam Gauci |
| | Dr. Josianne Cardona Gatt (Assenti) |
| | Is-Sur Mark George Abdilla (Assenti) |
| | Is-Sur Anthony Buttigieg |
| | Is-Sur John Mary Calleja |
| | Is-Sur Herbert Conti |
| | Is-Sur John Mizzi |
| | Is-Sinjura Marie Claire Zammit |
| | Is-Sur John Borg (Assenti) |
| **Chairperson tal-Kumitat Amministrattiv Tas-Swatar** | Is-Sur Matthew Mangion (Assenti Skuzat) |
| **Chairperson tal-Kumitat Amministrattiv Ta' Fleur-de-Lys** | Dott. Francesca Zarb(Assenti Skuzata) |

**L-Ufficjal:**

| | |
|---|---|
| **Deputat Segretarju Ezekuttiv** | Is-Sur Arthur Pizzuto |

Fil-bidu tal-laqgha kienu prezenti s-Sindku, is-Sinjura Joanne Debono Grech, l-Vici Sindku s-Sinjura Rita Borg, u l-Kunsilliera, is- Sur Michael Fenech Adami, is-Sur kaylocke Buhagiar, is-Sur Liam Gauci, s-Sur Anthony Buttigieg, is-Sur-John Mary (Jimmy) Calleja, s-Sur Herbert Conti, s-Sinjura Marie Claire Zammit, u s-Sur John Mizzi. Minn naha tal-Kumitat Amministrattiv ta' Fleur-de-Lys Dott. Francesca Zarb kienet assenti filwaqt li mil-Kumitat Amministrattiv tas-Swatar is-Sinjur Matthew Mangion kien assenti ukoll. Ghal din il-laqgha kien hemm il-prezenza tal-publiku. Il-laqgha kienet ippreseduta mis-Sindku, s-Sinjura Joanne Debono Grech.

## 1. Talba

Il-laqgha bdiet billi s-Sindku, s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet it-talba.

## 2. Korrezzjonijiet

Ma kienx hemm korezzjonijiet.

## 3. Approvazzjoni tal-Minuti

3.1 Din il-laqgha saret b-urgenza biex jigu spjegatu l-aggustamenti fil-Financial Statements kif sugerit mill-awdituri u jigu approvati l-istess Financial statements. Ghalhekk ma kienx hemm approvazzjoni ta' minuti precidenti.

## 4. Spjegazzjoni ta' aggustamenti u approvazzjoni tal-Financial Statemets 2014

4.1 Is-Sindku talbet lis-Sur Christopher Vella l-accountant tal-kunsill biex jispjega l-aggustamenti issugeriti mill-awdituri. Is-Sur Vella spjega li l-awdituri ma kienux qablu mieghu fuq tlett affarijiet. Tnejn minnhom qabel maghhom u ghalhekk sar l-aggustament mehtieg. Dawn kienu ammonti negligibli u kienu minhabbakazijiet ta' 'Accruals Concept'. L-ahhar wahda kienet dwar kif gie irrappurtat id-dejn li kellu l-kunsill mal-Wastserv. Huwa spjega li l-kunsill kien jircevi fl-allokazzjoni ammont li kellu jithallas bhala *tipping fees* lill-Wastserv. Id-dipartiment kien ta struzzjonijiet lil kull kunsill biex jithallas dan l-ammont biss lill-Wastserv

ghalkhemm l-ammont tal-invoices minghand il-Wastserv kien dejjem ta' ammont ikbar. Dawn l-ahhar sentejn il-Gvern kien hallas hu ghal din id-differenza minn fond specjali. Ghalkemm m'hemm l-ebda *committment* min-naha tal-Gvern li jibqa jsir hekk fil-futur, l-accountant fil-*Financial Statements* bhala bilanci dovuti kien nizzel l-ammont li hemm imnizzel fl-allokazjoni u mhux dak tal-invoices. L-awdituri huma tal-fehma li ghandu jitnizzel l-ammont li jidher fl-invoices. F'dan l-istadju l-accountant qal li l-kunsill kellu jiddecidi liema figura ghandha titnizzel. Biss huwa wissa li jekk titnizzel is-somma tal-invoices, id-dejn kien sejjer jikber b'cirka €67,000. Dejn li kemm d-dipartiment kif ukoll l-AKL kienu qed issostni li m'ghandux jithallas mill-kunsill. Ghalhekk ittiehed vot. Il-membri prezenti ivvutaw favur li l-*financial statements* ghandhom juru l-figura li nizel l-accountant u mhux dik issuggerita mill-awdituri.

Wara li sar dan gew approvati ll-Financial Statements wara li rega ttiehed vot fejn dawk kollha prezenti ivvutaw favur.

## 9 Gheluq

Il-laqgha spiccat fit-7.05 pm u giet aggornata ghall-nhar it-Tnejn, 11 ta' Mejju 2015 fis-6.30 pm gewwa l-ufficju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara.

| | |
|---|---|
| Arthur Pizzuto<br>Segretarju Ezekuttiv | Joanne Debono Grech<br>Sindku |